12 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Emmanuela Spiteri *versus* Rosario Spiteri

**Aċċettazzjoni ta' Eredità — Mara — Benefiċċju ta' l-Inventarju — Art. 888 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-mara miżżewġa ma tistax taċċetta wirt mingħajr il-kunsens tar-raġel; imma jekk ir-raġel ikun assenti, jew minuri, jew interdett, jew mingħajr raġuni tajba ma jkunx irid jagħti dak il-kunsens, l-awtorizzazzjoni meħtieġa tista' tiġi mogħtija lill-mara mill-Qorti.*

*Imma d-dritt għall-eredità huwa tal-mara, u ma jiddependix mir-raġel; u kwindi l-għażla li taċċetta jew tirripudja l-wirt tirrisjedi fil-mara unikament. Biss hija ma ssirx eredi "di fatto" ħlief medjanti l-aċċettazzjoni effettiva, li tista' tkun espressa jew taċita, bħalma tista' tkun espressa jew taċita l-awtorizzazzjoni ta' żewġha biex hija taċċetta l-wirt.*

*Għaldaqstant il-mara ma tistax tkun kostretta taċċetta l-wirt; u jekk hija tagħżel li taċċettah, ir-raġel ma jistax jiċħdilha l-awtorizzazzjoni tiegħu fuq il-motiv li l-mara trid taċċetta l-wirt bil-benefiċċju ta' l-inventarju, mentri huwa jridha taċċettah purament u sempliċement.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi talbet li, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress li fis-6 ta' Jannar 1950 miet Ħal Luqa Gio Maria Cassar, ħu l-attriċi, mingħajr testment, u l-attriċi hija waħda mill-eredi tiegħu skond il-liġi; u peress illi l-attriċi tixtieq illi taċċetta dana l-wirt ta' l-imsemmi ħuha Gio Maria Cassar bil-benefiċċju ta' l-inventarju; u peress illi l-konvenut żewġha rrifjuta u ma jridx li jassistiha f'dina l-proċedura; u peress illi l-attriċi, minħabba dan ir-rifjut tal-konvenut,

fit-12 ta' Diċembru 1950 ippreżentat quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re rikors biex tkun awtorizzata minn dik l-Onorabbli Qorti biex tagħmel il-proċedura opportuna għall-aċċettazzjoni tal-wirt riferit bil-benefiċċju ta' l-inventarju, u dana taħt il-provvedimenti li jagħmlu għall-każ (dok. A); u peress illi dik l-Onorabbli Qorti, stante l-oppożizzjoni tal-konvenut, b'digriet tat-3 ta' Frar, 1951, irrimettiet il-kontendenti fil-kontenzjuż; dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lill-attriċi illi tagħmel il-proċeduri meħtieġa biex taċċetta l-wirt ta' ħuha Gio Maria Cassar bil-benefiċċju ta' l-inventarju mingħajr l-assistenza ta' l-istess konvenut żewġha. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li d-domanda attriċi hija vessatorja, peress li ma hemmx lok li ssir l-aċċettazzjoni ta' l-eredità in kwistjoni bil-benefiċċju ta' l-inventarju, meta l-eredità hija pależement ta' attiv sabiħ u d-debitu jikkonsisti biss fil-funerali (dok. A); u illi hu huwa l-kap tal-familja, u bħala tali għandu jirregola affarijiet simili, salv id-dritt ta' l-attriċi li tmur kontra tiegħu f'każ ta' neċessità, li f'dan il-każ ma jeżistix; salva kwalunkwe eċċezzjoni oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 888 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, "il-mara miżżewġa ma tistax taċċetta l-wirt mingħajr il-kunsens ta' żewġha; jekk żewġha jkun assenti jew minuri, jew interdett, jew mingħajr raġuni tajba ma jkunx irid jagħti l-kunsens tiegħu, l-awtorizzazzjoni meħtieġa tista' tiġi mogħtija mill-Qorti". Liema artikolu jikkorrispondi in sostanza għall-art. 693 (1) tal-Kodiċi Ċivili "delle Due Sicilie";

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-attijiet u provi, il-konflitt bejn il-kontendenti mhux qiegħed rigward fuq l-aċċettazzjoni jew ripudja ta' l-eredità "de quo dicimus", iżda fuq il-mod ta' dik l-aċċettazzjoni; l-għaliex mentri l-attriċi trid taċċetta dak il-wirt biss bil-benefiċċju ta' l-inventarju, il-konvenut iridha taċċettah purament u sempliċement; liema l-aħħar mod ta' aċċet-

tazzjoni jimporta, jekk hemm bżonn li jingħad, li l-persuna li tkun hekk aċċettat il-wirt tkun effettivament daħlet fil-lok tad-decujus, u li bħalu kwindi tkun tenuta għad-djun u l-piżijiet kollha ta dik l-istess suċċessjoni, anki jekk dan id-dejn u dawn il-piżijiet ikunu jeċċedu l-valur ta' l-eredità; jew, kif jingħad xjentifikament u dottrinarjament, l-aċċettanti jkun tenut "ultra vires"; l-għaliex b'dak il-mod ta' aċċettazzjoni ssir il-konfużjoni tal-patrimonju tiegħu ma' dak tal-wirt li jkun;

Illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, għas-soluzzjoni tal-kwistjoni insorta bejn il-partijiet fil-kawża odjerna huwa meħtieġ li dwar l-artikolu tagħna fuq imsemmi ssir id-distinzjoni bejn id-dritt li għandha l-mara miżżewġa skond il-liġi li takkwista l-eredità "de quo" u l-inkapaċità tagħha, li titnissel miż-żwieġ, li jikkrea l-awtorità maritali, li tipprekludiha minn kwalunkwe att ġuridiku, salvi dawk mil-liġi eċċettwati, mingħajr l-awtorizzazzjoni maritali. Fi kliem ieħor, il-mara miż-żewġa, bħala eredi "di diritto", hija l-persuna mil-liġi investita bil-beni ereditarji; liema dritt isir operativ u jitqiegħed "in actu" medjanti l-aċċettazzjoni ta' l-eredità bil-kunsens tar-raġel tagħha;

Illi, in kwantu għad-dritt investit fil-mara miżżewġa, dan jitnissel mil-liġi, u ma jiddependix mir-raġel tagħha; u kwindi l-elezzjoni li taċċetta jew tirripudja dak l-istess wirt jirrisjedi fl-istess mara miżżewġa unikament, l-għaliex hija l-eredi "di diritto"; b'dana però li hija ma ssirx eredi "di fatto" ħlief medjanti l-aċċettazzjoni effettiva, li tista' tkun espressa jew taċita, bħala att ġuridiku magħmul bl-aċċettazzjoni ta' żewġha, li alla sua volta tista' tingħata espressament jew taċitament;

Illi l-mara miżżewġa, bħala li tkun il-persuna suċċessibili u li fiha huwa investit id-dritt ta' l-elezzjoni fuq imsemmija, ma tistax tkun kostretta li taċċetta wirt, in forza tal-prinċipju "invito beneficium non datur" (L. 69 De Regulis Juris), li huwa kanonizzat mill-art. 886 tal-Kodiċi Ċivili. Apparti l-kredituri ta' l-istess wirt li jistgħu jfittxuha sabiex tiddeċidi dwar l-aċċettazzjoni o meno, ir-raġel tagħha ma jista' qatt iqiegħedha in mora sabiex tirrisolvi x'għandha tagħmel; l-għaliex huwa mhux kreditur jew aventi kawża.

Del resto, anki kieku kien jista' jqiegħedha in mora, hija kienet tkun tista' dejjem tirrinunzja jew tastjeni milli teżerċita d-dritt tagħha, kif għandha d-dritt tagħmel;

Illi minn dana, fil-ħsieb tal-Qorti, jiddixxendi li l-elezzjoni tal-mara mizzewġa sabiex taċċetta wirt li hija msejħa għalih, purament u sempliċement jew bil-benefiċċju ta' l-inventarju, jiddependi minnha, purkè, wara li tagħżel, hija tgħaddi għal waħda jew oħra minn dawk l-aċċettazzjonijiet bl-awtorizzazzjoni ta' żewġha. Jekk però żewġha ma jkunx iridha bl-ebda mod taċċetta l-wirt "de quo", hija għandha tirrikorri lit-tribunal, u, skond il-parir ta' Chandon, "qualunque sia la dissenzione fra i coniugi, il tribunale, nell'autorizzare la moglie ad accettarla col beneficio dell'inventario, preverrebbe tutte l'eventualità" (ara Trattat "Delle Tre Potestà", Potestà Maritale, para. 292);

Illi jingħad ukoll li skond l-art. 747, 887 u 918 tal-Kodiċi Civili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, jidher ċar li ħadd ma għandu jiġi prekluż milli jaċċetta wirt bil-benefiċċju ta' l-inventarju, jekk hekk ikun irid jaċċetta l-wirt in diskussjoni. Issa, l-eċċezzjoni konvenuta tittendi, fl-oppożizzjoni tagħha, għal dak il-fini; l-għaliex il-konvenut irid jagħti l-kunsens lil martu li taċċetta l-wirt "de quo" purament u sempliċement biss, imma mhux b'daka l-benefiċċju — dritt li, fil-ħsieb tal-Qorti, huwa ma għandux. Kieku, "a contrariis", għal xi raġuni valida l-konvenut kien qiegħed jittrattjeni l-kunsens tiegħu milli l-attriċi taċċetta purament u sempliċement, kien ikun il-każ li l-vot tiegħu jiġi eżawdit, fissens li martu tiġi ammessa biss li taċċetta bil-benefiċċju ta' l-inventarju mħabba li jkun hemm raġuni tajba biex ma tkunx ammessa taċċetta purament u sempliċement; imma diversament, u skond il-każ in diżamina riżultat, l-ipotesi hija ferm differenti, l-għaliex il-konvenut irid jikkostrinġiha taċċetta purament u sempliċement meta ma tridx tagħmel hekk;

Illi ma għandux jiġi minsi li l-attriċi fil-każ in diżamina għandha saħansitra d-dritt ma tidħolx għall-wirt "de quo" billi tibqa' inerti, u infant żewġha ma jistax jikkostrinġiha taċċetta, jew huwa jaċċettaħ għaliha bħala kap tal-komun-

joni, meta, bla dika l-aċċettazzjoni, l-assi ereditarju ma jkunx daħal fl-assi soċjali konjugali;

Illi kwindi t-talba attriċi tidher ġustifikata;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi, bl-ispejjeż għall-konvenut.